MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1227/2001/1

**Josianne Guisti**

**vs**

**Eric Galea u Joseph Vassallo**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attrici fil-11 ta' Lulju, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Fid-19 ta' Settembru, 1999, l-attrici giet mistiedna flimkien mat-tifla taghha minuri, Mariah Giusti mill-konvenut Eric Galea sabiex tghaddi gurnata fuq d-dghajsa, bl-isem *'Princess Steph'*, proprjeta' tal-konvenut Joseph Vassallo;

Ghall-habta tal-hdax u ghaxra ta’ fil-ghodu, l-imsemmija dghajsa kienet wieqfa ma’ genb il-*jetty* antik gewwa x-xatt tal-Imgarr, Ghawdex, u l-imsemmija konvenuti nizlu mid-dghajsa sabiex jimlew d-dghajsa bid-diesel;

F’dak il-hin kien hemm spluzjoni fid-dghajsa u l-attrici giet mitfugha minn fuq id-dghajsa gewwa l-bahar flimkien mat-tarbija minuri taghha illi kellha sitt xhur biss;

Bhala konsegwenza ta’ dana l-incident l-attrici soffriet danni ngenti naxxenti principalment mid-disabilita’ permanenti sofferta mill-attrici bhala konsegwenza tal-ingurja illi hija garrbet fl-imsemmi incident, kif evidenzjat mill-anness certifikat mahrug minn Mr. Carmel Sciberras.

L-incident *in kwistjoni* gara unikament minhabba n-negligenza, t-traskuragni u imperizja tal-istess konvenuti;

Ghal dan l-incident, ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici u komprizi dawk id-danni naxxenti minn disabilita’ permanenti sofferti mill-attrici huma responsabbli l-istess konvenuti;

Interpellati, anke permezz ta’ ittra ufficcjali datata t-18 ta’ April, 2001, sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni minnhom kkawzati, l-konvenuti baqghu nadempjenti.

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

[i] tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-incident tad-19 ta’ Settembru, 1999, fuq imsemmi, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attrici.

[ii] tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attrici f’somma illi tigi likwidata, previa okkorrendo bl-opera ta’ periti u esperti nominandi.

[iii] tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jhallsu lill-attrici, *in linea* ta’ danni, dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-18 ta’ April, 2001, kontra l-konvenuti illi huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att jew data ohra stabilita appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Vassallo li *in forza* taghha huwa eccepixxa illi:

1. L-ewwel talba tal-attrici ghandha tkun respinta billi l-incident *in esami* ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas *da parti* tal-eccipjent. Ghalhekk l-eccipjent mhux responsabbli ghad-danni li l-attrici tallega li garrbet konsegwenza ta’ dan l-incident.

2. It-tieni talba tal-attrici ghandha tkun michuda billi fejn jirrigwarda lill-eccipjent ma hemmx danni x’jigu likwidati favur taghha. Fi kwalunkwe kaz, jinkombi lill-attrici li tipprova li konsegwenza tal-incident hija garrbet debilita’ permanenti. *Da parti* tal-eccipjent, l-allegata debilita’ tal-attrici hija kontestata.

3. It-tielet talba tal-attrici ghandha tkun rigettata billi ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent li jhallas danni lill-attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Eric Galea li *in forza* taghha huwa eccepixxa illi:

*In kwantu* t-talba attrici hija diretta fil-konfront tieghu din hija nfundata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez *stante* li l-eccipjent bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-allegati danni kagunati lill-attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-24 ta’ Ottubru, 2002, li *in forza* tieghu gie mahtur Mr. Charles Grixti bhala espert

mediku biex jirrelata dwar id-dizabilita' permanenti allegata mill-attrici;

Rat ir-rapport ta' Mr. Charles Grixti minnu ipprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2002, u mahluf fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2003;

Rat in-nota tal-attrici tas-27 ta' Ottubru, 2003, li *in forza* taghha talbet in-nomina ta' periti perizjuri;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' April, 2004, li *in forza* tieghu gew nominati Dr. Anthony Galea Debono, Mr. Raymond Gatt u Mr. Frederick Zammit Maempel bhala periti medici addizzjonali;

Rat ir-rapport ipprezentat mill-periti perizjuri fil-25 ta' Gunju, 2004, u mahluf fl-1 ta' Marzu, 2005, min Dr. Anthony Galea Debono u Mr. Frederick Zammit Maempel, u fid-9 ta' Marzu, 2005, min Mr. Raymond Gatt;

Rat id-digrieti l-ohra ta' din il-Qorti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li fid-19 ta' Settembru, 1999, l-attrici iddecidiet li tmur gita fuq il-bahar fuq id-dghajsa tal-konvenut Joseph Vassallo. Dan ghandu dghajsa twila 28 pied, u dakinhar hareg bid-dghajsa ma' ftit hbieb tieghu, bil-hsieb ukoll li f'xi hin imorru jieklu f'*restaurant* gewwa Marsalforn, Ghawdex. Mieghu fuq id-dghajsa kien hemm martu u certu Sur Charles Spagnol, li qaghdu bil-qieghda fuq il-parti ta' quddiem tad-dghajsa, l-attrici u t-tarbija taghha, li kienet bil-qieghda fuq wara flimkien mal-konvenut l-iehor, Eric Galea; il-konvenut Vassallo kien fin-nofs isuq id-dghajsa.

Huma telqu minn San Pawl il-Bahar dirett lejn il-port tal-Mgarr, Ghawdex, peress li s-Sur Vassallo ried jimla d-dghajsa bil-*fuel*. Meta waslu l-port, is-Sinjuri Spagnol u Galea nizzlu minn fuq id-dghajsa u zammew id-dghajsa mal-moll b'zewg hbula, wiehed fuq quddiem u l-iehor fuq wara. Is-Sur Vassallo tefa' l-magna u xeghel il-blowers (anzi nduna li kien xeghlhom waqt li kien ghadu San Pawl il-Bahar u baqghu mixghula tul il-vjagg sal-port tal-Mgarr); hu wkoll nizel minn fuq id-dghajsa u qaghad fuq il-moll sakemm il-*petrol attendant* ta' l-*fuel* lid-dghajsa. Mart il-konvenut Vassallo, li kienet bil-qieghda fuq quddiem, u l-attrici, baqghu fid-dghajsa. Peress li t-tank tal-*petrol* kien fuq wara tad-dghajsa, s-Sur Vassallo staqsa lill-attrici jekk din ridietx tersaq lejn quddiem, izda qalet li ma kellhiex ghalfejn, u baqghet bil-qeghda fuq wara, *pero'*, mhux in-naha tal-moll fejn kien hemm it-tank tal-*fuel*.

Wara li s-Sur Vassallo mela' t-tank bil-*petrol*, hu rega' dahal fid-dghajsa, u qal lis-Sinjuri Spagnol u Galea biex jirhu l-hbula u jinzlu fid-dghajsa. Kif, *pero'*, hu xeghel l-*ignition key*, it-tank tal-*petrol* fuq wara sploda. Is-Sinjura Vassallo, kif semghet l-ispluzzjoni, qabzet il-bahar, waqt li l-attrici, li kellha t-tarbija taghha f'idejha, waqghet fl-art tad-dghajsa. It-tarbija ma sofriet ebda danni, *pero'*, l-attrici tallega li hi sofriet griehi ta' natura personali, tant li idahlet ghal kura fl-isptar generali ta' Ghawdex, u lura Malta kellha tattendi diversi drabi bhala *out-patient*.

Is-Sur Vassallo spjega li meta jiehu l-*fuel*, huwa dejjem jixhel il-blowers, biex il-gass tal-*petrol* jingibed ghall-arja ta' barra. Hu qal li meta tefa' l-magna sema' l-blowers jghatu u, ghalhekk, beda jiehu l-*fuel*. Hu qal li d-dghajsa kellha zewg blowers u t-tnejn semaghhom jaghtu; hass li ma kellux ghalfejn jiccekkja vizwalment, ghax kien qed jisma' li z-zewg blowers jahdmu. Irrizultalu wara li, waqt li zewg blowers kienu qed jahdmu, wahda minnhom kellha xi hsara fis-sens li ma kienetx, fil-fatt, qed tonfoh il-gass 'l barra, b'mod li meta ta' l-ispark ghall-magna, il-gas sploda. Il-konvenut Vassallo spjega illi anke kieku ittawal vizwalment lejn il-blowers, hu kien jarahom jahdmu, ghax il-hsara ma kienetx fil-magna tal-blower, izda fil-blower

innifsu. Hu jghid li dak li gara kien rizultat ta' incident li ma kienx tort tieghu.

Qabel ma tezamina din il-kwistjoni, l-Qorti thoss li ghandha l-ewwel tistharreg ir-responsabilita' *o meno* tal-konvenut Eric Galea. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tieghu li hu ma kellux x'jaqsam mal-akkadut. Il-konvenut Galea la hu ko-proprjetarju tad-dghajsa, la ghandu xi interess fiha, u lanqas ma hu l-kaptan jew kellu t-tmexxija f'idejh tad-dghajsa. Hu, bhal l-attrici, kien mistieden fuq id-dghajsa, u meta sehhet l-ispluzzjoni, kull ma kien qed jaghmel kien li jzomm id-dghajsa mal-moll b'habel u dan sakemm il-konenut Vassallo ilesti l-procedura tal-ghoti tal-*fuel*. Id-dghajsa kienet tal-konvenut Joseph Vassallo, u kien hu li kien qed imexxi u jidderigi l-ghoti tal-*fuel*, u *kwindi* l-konvenut Galea ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma kien involut fl-ebda mod fl-ghoti tal-*fuel* lid-dghajsa, liema procedura waslet ghall-ispluzzjoni *in kwistjoni*.

Il-konvenut Joseph Vassallo huwa sid id-dghajsa u kien hu li kien qed jidderigi l-istess dghajsa u l-ghoti tal-*fuel*. *Kwindi*, *prima facie* hu ghandu jitqies responsabbli ghal dak li jsehh fuq id-dghajsa tieghu. Hu, *pero'*, qed jissottometti li dak li gara mhux tort tieghu. Fi kliem iehor qed jecepixxi l-forza maggura jew il-*casus*. Il-principju hu li *carrier* ghandu obbligu *"of exercising all vigilance to see that whatever is required for the safe conveyance of their passengers is in fit and proper order"* – <u>"O'Connor vs B.T.C."</u>, Qorti tal-Appell fl-Ingilterra, 1958.

L-artikolu 100(3) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234) jiddisponi li l-kaptan huwa responsabbli ghat-tmexxija u ghan-navigazzjoni xierqa tal-bastiment, ghas-sigurezza tal-bastiment, tal-ekwipagg u tal-passieggieri tieghu, u s-subartikolu (2) jiddisponi li fil-qadi ta' dmirijietu l-kaptan huwa responsabbli ghal kull traskuragini jew kondotta hazina *"ukoll jekk il-htija tkun zghira hafna; ir-responsabilita' tieghu tispicca biss jekk jintwera li hu ezercita l-attenzjoni kollha xierqa"*. Ghal kull buon fini jinghad li skond l-artikolu 2 ta' din il-ligi, *"bastiment"* tfisser kull xorta ta' bicca tal-bahar li tintuza fin-navigazzjoni, sew

jekk titmexxa bil-makni taghha stess sew jekk le, u tinkludi *braken*, puntuni, *oil rigs* u bcejjec tal-bahar ohra bhal dawn; din id-definizzjoni hi wiesgha bizzejjed biex tkopri kwalunkwe kostruzzjoni li tista' tintuza ghat-trasport fuq il-bahar, minghajr limitazzjoni dwar daqs u *tonnage*. Skond l-istess ligi, l-kelma *"passiggier"* tfisser kull persuna li tingarr fuq bastiment. *Kwindi* l-artikolu 100 fuq kwotat japplika ghal kaz *in ezami* u biex jehles mir-responsabilita' il-kaptan (li, f'dan il-kaz, hu wkoll is-sid tad-dghajsa) irid juri li hu ezercita' *"l-attenzjoni kollha xierqa"*.

Kif intqal fil-kawza "Micallef vs Belle Mc Canie", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 1953, *"skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fartwuitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma mehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat b'dilegenza ordinarja tal-bonus paterfamilias"*. Hekk ukoll, fil-kawza "Ciantar vs Gatt", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Mejju, 1926, intqal li l-forza maggura jew il-*casus "quali mezzi liberatorii della responsabilita', cessa quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente"*. Fic-cirkustanzi ta' dan il-kaz, meta *si tratta* ta' incidenti fuq il-bahar, d-diligenza li jrid juri l-kaptan hija fi grad ghola, ghax kif intwera huwa responsabbli anke jekk il-htija tieghu *"tkun zghira hafna"*.

Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut Vassallo wera negligenza meta, qabel ma beda l-gita, ma ivverifikax li kollox kien sewwa fil-magna. Hu qaghad biss fuq l-udit, u m'ghamel ebda verifika fizika biex jara li kull parti tal-magna kienet qed tiffunzjona. Hu kien jaf li kien sejjer Ghawdex ghall-*fuel*, u kien jaf bil-periklu potenzjali li tali operazzjoni tista' tohloq, *cio nonostante* ma ha ebda prekawzjoni, la biex jara li l-magna kienet tahdem sew, u lanqas biex ibieghed lill-passiggieri mill-periklu.

*Inoltre*, din il-Qorti tqies li l-konvenut Vassallo, bhala l-kaptan tad-dghajsa, ghandu dmir u obbligu li jipprovdi ghas-sahha u s-sigurta' ta' min ikun abbord. Huwa fid-dmir li jara li kemm l-ekwipagg kif ukoll il-passiggieri ma jkunux esposti ghall-periklu, u ghandu l-poter jaghti l-

ordnijiet biex ibieghed lil dawn minn kull periklu. Fil-kawza “Boyce vs Bayliffe”, deciza mill-Qrati Inglizi fl-1807, Lord Ellenborough stqarr li *“a captain of a ship has authority to do what was necessary for the safety of those on board”*, bil-konsegwenza li jekk il-kaptan jonqos li jintervjeni u juza l-awtorita’ tieghu fl-interess ta’ min ikun abbord, u passiggier isofri hsara li l-kaptan, bl-awtorita’ tieghu, seta’ jevita, allura dik il-persuna fl-awtorita’ tkun responsabbli ghal dawn id-danni.

F’dan il-kaz, il-kaptan halla lill-atturi bilqieghda hdejn it-tank tal-*petrol* kemm waqt li kien qed jaghti l-*petrol* lid-dghajsa kif ukoll meta startja l-magna. Dawn l-operazzjonijiet, specjalment fuq bicca tal-bahar, ghandhom element ta’ periklu, u l-kaptan ma kellux ihalli lill-attrici fejn kienet waqt li kien ghaddej b’dawn il-proceduri. Ma kellux biss jsaqsi lill-attrici jekk riedetx titla’ ‘l quddiem, izda kellu jinsisti maghha illi jew titla’ fuq il-moll jew tersaq lejn il-parti ta’ quddiem tad-dghajsa, l-boghod mill-periklu.

Il-konvenut Joseph Vassallo kien jaf, jew messu kien jaf, li, ghalkemm kien qed jisma l-hoss tal-blowers, kien hemm cans li dawn ma kienux qed jiffunzjonaw, u jekk ma kienetx *“konvenjenti”* jew mistenija minnu li hu jiccekkja l-blowers fizikament, kellu, tal-anqas, jiehu hsieb jevita lill-passiggieri milli jkunu f’halq il-periklu, ghal kaz li jsehh xi accident. Ma kellux ihalli lill-attrici bil-qieghda ezatt hdejn it-tank tal-petrol, f’mumenti meta l-fuel ikun l-aktar *volatile*. Il-konvenut deherlu li kien hemm periklu ghax staqsa lill-attrici biex tersaq lejn il-parti ta’ quddiem tad-dghajsa, u allura ma kellux jaccetta li l-attrici tibqa’ fejn kienet, izda juza l-awtorita’ tieghu u jinsisti li l-attrici ticcaqlaq minn fejn kienet, biex b’hekk jaqdi r-responsabilita’ tieghu lejn il-passiggieri tieghu. Il-kaptan konvenut Vassallo naqas li jiehu din il-prekawzjoni semplici, u, ghalhekk, huwa responsabbli ghall-konsegwenzi li sehhew.

L-attrici qed tallega li bhala konsegwenza ta’ dan l-incident hija sofriet danni personali ta’ natura permanenti; il-konvenuti, *da parti* taghhom, jichdu li l-attrici sofriet xi danni permanenti. L-attrici esebiet certifikat mill-mediku

*ex parte* taghha li indika li hi tbati minn dizabilita' permanenti ta' 7%. L-ewwel perit nominat mill-Qorti irrelata li l-grad ta' dizabilita' kien ta' 3% biss, fil-waqt li t-tobba addizzjonali mahtura fuq talba tal-attrici irrelataw li l-attrici ma tbati minn ebda dizabilita' permanenti. Huwa principju li din il-Qorti mux marbuta bil-konkluzzjonijiet peritali milhuqa mill-esperti nominati minnha, *pero'*, *trattandosi* ta' materja teknika, il-konkluzzjonijiet milhuqa m'ghandhomx jigu skartati ghall-semplici kapricc, izda biss fuq ragunijiet gravi li jwasslu lill-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni li tkun differenti minn dik milhuqa mit-teknici mahtura. F'dan il-kaz, jirrizulta bhala fatt, u dan hu ammess anke mit-tobba addizzjonali, li l-attrici ssofri minn ugiegh f'ghonqa, izda fil-waqt li t-tobba addizzjonali qalu li ma jistghux jirrelataw dan mal-incident *in kwisjtoni* (ghalkemm lanqas ma jeskluduh), l-ewwel tabib mediku nominat rabat dan l-ugiegh mal-incident innifsu, u meta tqies li, fl-incident, l-attrici hasset *"daqqa fil-kozz t'ghonqa"*, hu probabbli li l-ugiegh li ghada ssofri minnu l-attrici hu rizultat ta' din id-daqqa. Il-Qorti tifhem li, fortunatament, l-attrici ma sofrietx griehi kbar bhala rizultat tal-incident, *pero'*, laqata l-kumment li ghamel l-ewwel tabib mediku li, minhabba dan l-ugiegh, l-attrici *"trid toqghod attenta li ma zzomx rasha baxxuta ghall-hinijiet twal u tevita li tixxabbat ghall-affarijiet. Dan naturalment ser jindahla fix-xoghol taghha ta' midwife"*. It-tlett tobba adizzjonali ma kkumentawx fuq dan l-aspett tal-gerha. Li l-attrici tista' tkompli tghix il-hajja normali taghha bla wisq problemi, ma jidhirx dubitat, *pero'*, meta tqies il-professjoni tal-attrici, u l-htiega li zzomm rasha baxxuta fuq medda ta' hin, mhux eskluz li, hi tibda' thoss xi ugiegh jew skonfort li jnaqqas l-attenzjoni li trid turi fil-qadi ta' dmirijietha. Jista' jkun li dan l-ugiegh, kif qalu t-tlett tobba addizzjoni, hu rizultat ta' djieq normali fl-irkiekel tal-ghonq, *pero'*, ghalkemm dan jista' jkun *"komuni wara certa eta'"*, mhux eskluz li seta' sehh b'rizultat tad-daqqa li hasset fil-kozz t'ghonqa fl-incident. Hu principju wkoll li l-grad ta' dizabilita' m'ghandux jitqies biss mil-lat purament mediku, izda, fuq kollox, mil-lat tal-effett fuq il-hajja lavorativa tad-danneggjat.

Kif gie spjegat minn din il-Qorti fil-kawza "Bugeja vs Borg", deciza fil-11 ta' Mejju, 1983, ghalkemm, tul iz-zminijiet, il-Qrati taghha zvillupaw kriterji, ftit jew wisq oggettivi, biex jigi stabbilit il-*quantum* tal-kumpens li jrid jinghata, *"margini ta' latitudni diskrezzjonali irid dejjem jithalla lill-gudikant".* Jibqa' wkoll validu, fuq livell ta' principju, dak li qalet din il-Qorti fil-kawza "Muscat vs Schembri", deciza fis-27 ta' Jannar, 1972, u *cioe'* li *"din il-materja m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jaghmel estimu ekwitativ, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fizika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghall-kaz b'apprezzament realistiku li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghajr mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju jibqa' s-sens ta' proprozjon u ta' ekwita' tal-gudikant fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz"*.

Din il-Qorti, ghalhekk, tqies li l-attrici ghandha tigi kkunsidrata li tbati dizabilita' permanenti ta' bejn 1% u 2%, percentagg zghir li se jwassal lil din il-Qorti ssegwi dak li ghamlet din il-Qorti fil-kawza "Debattista vs Attard", deciza fl-24 ta' Marzu, 2000, fejn f'kaz ta' percentagg hekk zghir, gia osservat *"li ma jkunx realistiku li ssir referenza ghall-introjtu tal-attur biex jigu likwidati d-danni taht il-kap ta' lucrum cessans kif issir normalment bis-sistema tal-multiplier. Ikun izjed opportun li tigi likwidata somma arbitrio boni viri mill-istess Qorti"*.

Fic-cirkostanzi, qed tigi likwidata somma f'ammont ta' Lm400.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, fl-ewwel lok, tilqa' l-eccezzjoniji tal-konvenut Eric Glaea, u tichad it-talbiet attrici fil-konfront tieghu, fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Vassallo, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tieghu, u tikkundanna lill-istess konvenut Joseph Vassallo ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm400 (erba' mitt lira Maltin) *in linea* ta' danni, bl-imghax legali millum sal-pagament effettiv.

Fil-waqt li l-ispejjez tal-konvenut Eric Galea ghandhom jithallsu mill-attrici, l-ispejjez l-ohra kollha ghandhom jithallsu mill-konvenut Joseph Vassallo.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------